

# Nazju Falzon

## Kjeriku Sekular (1 ta' Lulju 1813 - 1 ta' Lulju 1865)

*Kitba ta'* **Mario Coleiro**

Nazju Falzon twieled fi żmien il-miġja ta' l-Ingliżi fil-gżira ta' Malta. Kienu żminijiet koroh meta l-Knisja kienet qiegħda tħabbat wiċċha mat-tixrid ta' l-anti klerikaliżmu u gżiritna kienet milquta mill-flaġell tal-kolera u tal-pesta.

Nazju Falzon twieled il-Belt Valletta, fl-1 ta' Lulju 1813, mill-Avukat Francesco Giuseppe Falzon u Maria Theresa Debono. L-għada ġie mgħammed fil-Knisja ta' Santa Marija tal-Portu Salvu fil-Belt. Sa minn meta kien għadu tifel beda juri sinjali ta' qdusija. Kienu jsejħulu s-*santarello*, jiġifieri l-qaddis ċkejken. Fil-familja kienu erba' subien u kollha gradwaw fil-liġi.

Fl-età ta' ħmistax-il sena, irċieva l-abitu klerikali u aktar tard ħa l-erba' Ordnijiet minuri. Meta kellu 20 sena kiseb il-lawrija fil-Liġi Kanonika u Ċivili mill-Università ta' Malta, iżda hu qatt ma eżerċita l-professjoni ta' avukat u lanqas irċieva l-Ordni Sagri għax ma kienx iħossu dehen li jirċievi dan is-sagrament.

Nazju Falzon kien bniedem mogħti għat-talb. Kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija. L-adorazzjoni u l-meditazzjoni kienu l-ikel spiritwali tiegħu. Barra dan kellu devozzjoni kbira lejn il-Verġni Mqaddsa u kien jgħid il-ħmistax-il posta tar-Ružarju kuljum. Hu kellu wkoll devozzjoni kbira lejn l-għarus tagħha San Ġużepp. Il-missjoni tiegħu kienet it-tagħlim tal-katekiżmu.

Nazju beda jgħallem lit-tfal ta' l-istitut tar-'Ragħaj it-Tajjeb', l-ewwel fil-Knisja ta' Santa Barbara, u aktar tard fil-Knisja tal-Vitorja. Lil dawn it-tfal barra t-tagħlim tar-Reliġjon, kien jgħinhom fl-iskola u jekk ikun hemm bżonn finanzjarjament ukoll. Iżda hu jibqa' magħruf l-aktar għall-missjoni kattolika tiegħu mas-suldati u l-baħrin Ingliżi. Huwa kien jagħmel ukoll ħbieb ma' sħabhom is-suldati Protestanti u dawk li m'humiex mgħammdin, billi jagħtihom pariri u jkun ta' għajnuna soċjali għalihom. B'hekk ġibed ħafna minnhom għall-fidi. Ukoll kien isegwi lill-katekumeni saż-żwieġ, jinkitbu fil-Labtu tal-Karmnu u kien jamministra s-sagramenti lill-morda meta kien ikun hemm bżonn. Xi wħud minn dawk li kienu jaħdmu ma' Nazju Falzon saru saċerdoti u kappillani tal-militar jew tan-*navy*. Fr. Cullen li hu stess sar saċerdot bl-inkoraġġiment ta' Nazju Falzon, kompla b'ħidmet il-Venerabbli wara l-mewt tiegħu.

Huwa miet nhar l-ewwel ta' Lulju 1865 fl-età ta' tnejn u ħamsin sena, fil-Belt fi Triq id-Dejqa fejn kien joqgħod. Ġie midfun fil-Kappella ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Franġiskani Minuri magħrufa wkoll bħala l-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta.